

Brussell, 13 ta' Novembru 2017
(OR. en)

14191/17

CFSP/PESC 997	CSDP/PSDC 623
COPS 352	CYBER 175
CIVCOM 219	DEVGEN 250
CLIMA 301	ENER 434
COAFR 297	ENV 914
COEST 303	FIN 712
COHAFA 88	MIGR 216
COHOM 128	POLMIL 138
COMED 7	PROCIV 97
CONUN 256	RELEX 966
COTER 133	

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	13 ta' Novembru 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 14173/17	
Suġġett:	Approċċ Strateġiku għar-Reżiljenza fl-Azzjoni Esterna tal-UE - Konklużjonijiet tal-Kunsill (13 ta' Novembru 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-approċċ strateġiku għar-reżiljenza fl-azzjoni esterna tal-UE, adottati mill-Kunsill fit-3574 laqgħa tiegħu li saret fit-13 ta' Novembru 2017.

APPROĊĊ STRATEĠIKU GĦAR-REŻILJENZA FL-AZZJONI ESTERNA TAL-UE**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL**

1. Il-Kunsill jilqa' l-approċċ strateġiku għar-reżiljenza fl-azzjoni esterna tal-UE stabbilit fil-Komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni¹. Jistieden lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħmlu progress fil-ħidma fuq il-bażi tar-rakkomandazzjonijiet tiegħu u l-għaxar kunsiderazzjonijiet ta' gwida identifikati, u biex jintegrawhom fil-fergħat ta' ħidma kollha rilevanti. Din il-ħidma ser tiffirma wieħed mill-pilastri ewlenin tal-implimentazzjoni tal-istrateġija Globali għall-Politika Barranija u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea.
2. L-UE impenjat ruħha għal sett trasformativ ta' miri marbutin mal-iżvilupp, l-ambjent, it-tibdil fil-klima, il-qasam umanitarju, id-drittijiet tal-bniedem, il-politika barranija u l-politika ta' sigurtà. L-approċċ strateġiku għar-reżiljenza għandu l-għan li jiżgura u jsostni l-progress lejn dawn il-miri, fil-kuntest ta' dinja aktar konnessa, kkontestata u kumplessa, filwaqt li jagħraf ir-rwol tal-azzjoni esterna tal-UE fil-kontribut għar-reżiljenza fi ħdan l-Unjoni kif ukoll fil-viċinat immedjat tagħha u lil hinn minnu. B'hekk, permezz ta' ħidma mas-sħab tal-UE, għandha l-għan li:
 - issaħħaħ it-tnejn u l-kapaċità adattiva tal-istati, is-soċjetajiet, il-komunitajiet u l-individwi għal pressjonijiet u xokkijiet politiċi, strutturali, soċjoekonomiċi, ambjentali, marbutin mal-klima, demografiċi, marbutin mas-soċjetà jew marbutin mas-sigurtà;
 - tappoġġa l-kapaċità ta' pajjiżi sħab u s-soċjetà ċivili li qed iħabbtu wiċċhom ma' pressjonijiet sinifikanti interni jew esterni, li jibnu, iżommu jew jiksbu mill-ġdid funzjonijiet pubbliċi ewlenin b'rispett sħiħ tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, filwaqt li jitrawmu l-koeżjoni soċjali u politika, u sigurtà, stabbiltà u żvilupp sostenibbli fit-tul u inklużivi;

¹ Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Approċċ strateġiku għar-reżiljenza fl-azzjoni esterna tal-UE. JOIN(2017) 21 final tas-7.6.2017

- tibni fuq il-kapaċità eżistenti tas-soċjetajiet, il-komunitajiet u l-individwi li jimmaniġġaw l-opportunitajiet u r-riskji b'mod paċifiku u stabbli, u li jibnu, iżommu jew jiksbu mill-ġdid l-ġhajxien tagħhom meta ffaċċati minn pressjonijiet u xokkijiet ripetuti.

3. Fil-qafas tal-approċċ strateġiku għar-reżiljenza tagħha, l-UE ser tiżviluppa approċċ politiku, strutturali, fuq perijodu twil u speċifiku għall-kuntest, li jkun aktar ambizzjuż, għall-indirizzar ta' vulnerabbiltajiet u r-riskji sottostanti fl-ambjent estern tagħha, u għall-fatturi u d-dinamika tal-fraġilità. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser irawmu approċċ dinamiku u multidimensjonali għar-reżiljenza f'konformità mal-impenji fil-qafas tal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, filwaqt li jagħrfu li l-integrazzjoni tar-reżiljenza fil-politiki nazzjonali u lokali hi primarjament responsabbiltà ta' kull pajjiż. L-UE ser tagħti aktar importanza lill-antiċipazzjoni ta' pressjonijiet u xokkijiet li jkunu ta' xkiel, inkluż billi tagħraf il-vulnerabbiltajiet speċifiċi ta' ċerti gruppi fis-soċjetajiet, lit-tħejjija u lill-prevenzjoni. Ser tindirizza l-għerq tal-flussi tar-refuġjati, il-migrazzjoni irregolari u ċ-ċaqliq sfurzat, filwaqt li tiżviluppa mekkaniżmi aħjar biex tivvaluta flussi futuri u l-impatt fuq il-pajjiżi ta' transitu u ta' oriġini. Ser tiġi integrata flessibbiltà akbar fil-programmi tal-UE fil-livell tal-pajjiżi u dak reġjonali, li ser ikun meħtieġ li b'mod aħjar jidentifikaw, jibnu fuq u jsaħħu l-fatturi lokali ta' reżiljenza, u jinvolvu rwieġhom fil-livell tal-komunitajiet. Dan l-approċċ ser jirrifletti l-impenn fl-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli biex "ħadd ma jitħalla barra", u biex jinbnew istituzzjonijiet effettivi, inklużivi u li jerfgħu r-responsabbiltà tagħhom fil-livelli kollha. Għandu jirrifletti b'mod sħiħ ukoll id-dimensjoni tas-sessi u jiżgura d-drittijiet u s-sehem tan-nisa u l-bniet.
4. L-UE ser tagħmel enfasi akbar fuq l-indirizzar tal-ħtiġijiet li jirriżultaw minn kriżijiet li jdumu, u fuq it-tkissir ta' ċikli ripetuti ta' kriżijiet, filwaqt li tippromwovi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt u l-ħarsien tal-liġi internazzjonali. Għal dan il-għan, il-Kunsill ser jaħdem mar-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni biex tiġi żgurata mobilizzazzjoni aktar effettiva tal-kapaċità politika, diplomatika, tal-prevenzjoni tal-konflitti, tal-medjazzjoni u tal-bini ta' paċi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, flimkien mal-assistenza għall-iżvilupp u umanitarja, filwaqt li jitħarsu l-mandat u l-prinċipji distinti tal-azzjoni umanitarja.

5. Il-politika esterna tal-UE fl-aspetti kollha tagħha għandha rwol dirett x'taqdi fil-kontribut għar-reżiljenza fi ħdan il-fruntieri tal-UE, partikolarment billi ttejjeb l-identifikazzjoni ta' kriżijiet esterni li jolqtu l-interessi tal-Unjoni u s-sigurtà taċ-ċittadini tagħha, u r-rispons għalihom. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jidentifikaw u jsaħħu r-rabtiet bejn il-politika esterna tal-UE, inkluż il-PSDK, u l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà fil-ħarsien tal-valuri u l-interessi tal-UE. L-UE ser tkompli twettaq ukoll il-ħidma tagħha fil-ġlieda kontra theddid ibridu, fiċ-ċibersigurtà, fil-komunikazzjoni strateġika, fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, u fit-tisħiħ tas-sigurtà tal-infrastruttura kritika. It-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sħab tal-UE fil-viċinat immedjat u lil hinn minnu hu ta' importanza partikolari. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jimxu 'l quddiem fl-implimentazzjoni tal-eżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, inkluż id-dimensjoni ta' sigurtà tagħha. Il-Kunsill ifakkar ukoll fl-importanza li jiġi żgurat finanzjament adegwat, inkluż il-possibbiltà fi żmien xieraq ta' strument iddedikat b'ambitu ġeografiku flessibbli, biex jiġu appoġġati r-riforma u l-bini ta' kapaċitajiet tas-settur tas-sigurtà fil-pajjiżi sħab, kif stipulat fil-konklużjonijiet tiegħu tat-18 ta' Mejju 2017 dwar is-sigurtà u d-difiża fil-kuntest tal-Istrateġija Globali tal-UE. Filwaqt li tirrispetta l-awtonomija tal-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, l-UE ser issaħħaħ ukoll il-kooperazzjoni fuq ir-reżiljenza mas-sistema tan-NU u man-NATO, kif ukoll l-OSKE u organizzazzjonijiet reġjonali rilevanti oħrajn, partikolarment fl-Afrika.
6. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tar-reżiljenza fil-ħidma li qed issir fuq l-operazzjonalizzazzjoni tar-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp, li issa għandha tiġi introdotta gradwalment f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill f'Mejju, billi tibda minn għadd ta' pajjiżi pilota. Il-Kunsill jilqa' l-ħidma li qed issir bħalissa fuq l-approċċ integrat għal konflitti u kriżijiet vjolenti, li għandu l-għan li jsaħħaħ l-isforzi tal-UE biex tipprevjeni u ssolvi konflitti u biex trawwem paċi dejjiema, u li ser iħaddan dimensjoni b'saħħitha ta' reżiljenza.
7. Sabiex jiżdied l-impatt tal-azzjoni esterna tal-UE, il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni, u lill-Istati Membri jimxu 'l quddiem fil-ħidma fuq l-erba' elementi ewlenin kif stabbiliti fil-Komunikazzjoni Konġunta:

- **it-titjib tal-analiżi kondiviża tar-riskju fil-livell tal-pajjiżi u dak reġjonali**, sabiex din issawwar l-istrateġija, id-djalogu politiku, il-programmazzjoni tal-appoġġ għall-iżvilupp, u l-ġoti ta' assistenza umanitarja. Dan għandu jinkludi s-simplifikazzjoni tal-proċessi attwali ta' valutazzjoni, bil-għan li tinholq valutazzjoni unika u konċiża tal-pajjiżi li tintegra b'mod aktar sistematiku u dinamiku taġħrif min-network diplomatiku tal-UE, l-Istati Membri, il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, l-aġenziji speċjalizzati u servizzi oħrajn u, fejn xieraq, l-atturi umanitarji u tal-iżvilupp, bil-kunsiderazzjoni mistħoqqa tal-mandati rispettivi taġħhom;
- **monitoraġġ aktar dinamiku ta' pressjonijiet esterni** li jistgħu jgħolqu riskju li jfikklu b'mod sinifikanti l-proċess ta' żvilupp jew is-sigurtà ta' pajjiż sieheeb, jew li jista' jkollhom konsegwenzi sinifikanti għar-reżiljenza tal-Unjoni. Dan għandu jiffassal biex jiġi żgurat li s-sinjali bikrin ta' tħassib jissarrfu f'azzjoni preventiva bikrija, u reazzjoni politika u operazzjonali aktar effettiva min-naħa tal-UE. Il-pjanijiet għal analiżi tal-orizzont minn tliet sa sitt xhur għandhom ikomplu jiġu żviluppati b'rabta ma' dan. Is-Sistema ta' Twissija Bikrija tal-UE għall-Konflitti għandha tiġi żviluppata aktar sabiex tintegra indikaturi xierqa ta' reżiljenza;
- **l-integrazzjoni tal-aproċċ ta' reżiljenza fil-programmazzjoni attwali tal-UE** kemm ikun possibbli u xieraq fil-qafas tal-istrumenti eżistenti, **u fir-riflessjonijiet dwar il-finanzjament futur tal-azzjoni esterna tal-UE**;
- **l-iżvilupp ta' politika u prattika internazzjonali dwar ir-reżiljenza**, permezz ta' djalogu politiku, djalogu politiku settorjali u politika esterna ta' investiment, kif ukoll billi jiġu involuti s-soċjetà ċivili u atturi oħra tal-iżvilupp fil-livelli kollha. Għandhom jiġu żviluppati kooperazzjoni aktar mill-qrib u l-qsim tal-aħjar prattika ma' sħab multilaterali, fosthom is-sistema tan-NU, il-Bank Dinji, l-OECD, il-BERŻ, u organizzazzjonijiet reġjonali u sottoreġjonali.

8. Il-Kunsill ser jissorvelja u jivvaluta l-progress tal-elementi ta' dawn il-konklużjonijiet, u jerġa' lura għall-kwistjoni kif xieraq.

Għaxar kunsiderazzjonijiet li jiggwidaw approċċ strateġiku għar-reżiljenza

Jistgħu jiġu identifikati l-kunsiderazzjonijiet ta' hawn taħt, li jiggwidaw approċċ effettiv u strateġiku għar-reżiljenza:

1. **It-tisħiħ tar-reżiljenza huwa mezz u mhux għan aħħari.** L-approċċ tal-UE għar-reżiljenza jirrigwarda l-bini fuq pedamenti istituzzjonali u soċjali b'saħħithom fil-pajjiżi sħab sabiex jinkisbu l-għanijiet fit-tul fl-iżvilupp sostenibbli u s-sigurtà. Jirrigwarda l-iżgurar tal-progress lejn dawn l-għanijiet billi jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet u r-riskji strutturali sottostanti. Huwa jirrikonoxxi li l-iżvilupp, u l-progress lejn id-demokrazija, il-paċi u s-sigurtà, mhuwiex proċess lineari, u li l-approċċi settorjali, waħedhom, mhumwiex dejjem biżżejjed biex jiġu żgurati riżultati sostenibbli.
2. **Jekk nifhmu l-fatturi tar-reżiljenza f'kuntest partikolari, dan jista' jgħinna nippjanaw kontra pressjonijiet u kontinġenzi b'mod iżjed effettiv.** Biex isir dan jeħtieġ li nifhmu tajjeb ir-rabtiet bejn il-partijiet differenti ta' sistemi kumplessi li jirregolaw u jsostnu l-Istati, is-soċjetajiet u l-komunitajiet, kif ukoll ta' kif jirreaġixxu meta jikkonfrontaw xokkijiet għal għarrieda jew għall-pressjonijiet rikorrenti jew dawk fit-tul.
3. **Ir-reżiljenza hija speċifika għall-kuntest, u teħtieġ approċċi mfassla apposta.** Għalkemm hemm għadd ta' karatteristiċi komuni ta' sistemi reżiljenti, ser ikun f'idejn il-professjonisti u l-atturi lokali biex jiżviluppaw definizzjonijiet ta' ħidma speċifiċi għall-kuntest. L-irwol tal-UE u ta' atturi esterni oħra hu li jagħtu appoġġ lil dan il-proċess u li jrawmu soċjetajiet aktar kapaċi li jidentifikaw u jsolvu l-problemi tagħhom stess. Dan jeħtieġ li dawk li jfasslu l-politika u s-sħab fl-iżvilupp jadottaw approċċ fit-tul li jittollera l-adattabilità meħtieġa hekk kif l-approċċi jiġu ttestjati u mirquma.

4. **L-identifikazzjoni u l-bini fuq sorsi ta' reżistenza eżistenti li huma pożittivi hija importanti daqs ir-rintraċċar tal-vulnerabilitajiet u r-reazzjoni għalihom.** Fatturi bħal dawn jistgħu jieħdu l-forma ta' governanza demokratika u tajba istituzzjonalizzata jew informali, jew sistemi ġudizzjarji, istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet mhux statali, ankra ti fin-normi kulturali u l-prattiki jew soluzzjonijiet ad hoc xprunati mill-komunità li jikkomplementaw il-kapaċitajiet statali jew li jikkompensaw għan-nuqqas tagħhom. **Ir-reżiljenza għandha tiġi indirizzata fuq livelli multipli – l-Istat, is-soċjetà u l-komunità.** Il-gvernijiet lokali u s-soċjetà ċivili ħafna drabi huma l-bażi li fuqha r-reżiljenza tista' trabbi l-għer uq u tikber fil-livell komunitarju. In-nisa għandhom rwol speċifiku u essenzjali li għandu jiġi rikonoxxut u tittieħed azzjoni fuqu, filwaqt li jiġu indirizzati l-kawżi strutturali tal-inugwaljanza bejn is-sessi.
5. **Ir-reżiljenza tirrigwarda t-trasformazzjoni mhux il-preservazzjoni tal-istatus quo.** Jekk ir-reżiljenza tirrigwarda s-sostenn tal-identità u l-kapaċitajiet ċentrali tal-Istati, tas-soċjetajiet u tal-komunitajiet fil-konfront ta' pressjonijiet perturbanti, hija tirrigwarda wkoll li tiġi żgurata l-abbiltà tagħhom li jadattaw u jirrifurmaw sabiex iwieġbu għal ħtiġijiet ġodda. L-isfruttar tad-dimensjoni trasformattiva tar-reżiljenza hija essenzjali.
6. **Ir-reżiljenza teħtieġ approċċ politiku.** Il-gvernijiet għandhom ir-responsabbiltà primarja li jwieġbu għall-ħtiġijiet tal-popolazzjonijiet tagħhom, u l-assistenza internazzjonali ma għandhiex tissostitwixxi r-responsabbiltà lokali u l-azzjoni politika. Il-pajjiżi kollha impenjaw ruħhom favur l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, li jinkludu referenzi speċifiċi biex tissaħħaħ ir-reżiljenza. Għalhekk ir-responsabbiltà primarja għall-integrazzjoni tar-reżiljenza f'oqfsa ta' politika nazzjonali u lokali hija f'idejn kull pajjiż. Madankollu, l-UE u l-Istati Membri tagħha jistgħu jappoġġaw it-tisħiħ tar-reżiljenza billi jintegrawha fid-djalogu politiku tagħhom, inkluż fl-ogħla livell.
7. **Ir-reżiljenza teħtieġ programmazzjoni bbażata fuq ir-riskji.** L-azzjoni biex jiġu indirizzati l-kawżi diversi sottostanti tal-fraġilità għandhom ikunu akkumpanjati b'miżuri ta' ġestjoni tar-riskju biex il-popolazzjonijiet ikunu protetti minn xokkijiet u pressjonijiet, l-impatt tagħhom jiġi limitat permezz ta' reazzjoni bikrija u tingħata assistenza lill-irkupru rapidu.

8. Mhux dejjem ser ikun possibbli li l-pressjonijiet sostnuti jiġu indirizzati fil-punt tal-orġini tagħhom, jew li jiġu evitati l-konsegwenzi ta' kriżi għal għarrieda. Iżda l-indirizzar tal-problemi fil-punt ta' falliment huwa kostuż b'mod sproporzjonat. Dan ifisser li **l-flessibilità u adattabilità għall-bidla hemm bżonn li jinbnew fid-disinn tal-programm mill-bidu nett**. Dan ifisser ukoll li ssir riflessjoni dwar kif it-tisħiħ jew id-dgħufija ta' parti mis-sistema jistgħu jgħolqu stress fuq parti oħra.
9. **Jeħtieġ li t-twissija bikrija tkun marbuta ma' azzjoni bikrija.** Mhux possibbli li jiġu evitati r-riskji kollha, għalhekk sabiex approċċ lejn ir-reżiljenza jkun effettiv jeħtieġ li dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet ikunu kapaċi jidentifikaw u jevalwaw il-pressjonijiet f'terminu twil, medju u qasir, u jieħdu azzjoni bikrija. Dan ifisser illi stima kompluta għandha tkun marbuta mal-proċessi xierqa ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Din mhijiex biss kwistjoni ta' xokkijiet (bħal fil-każ ta' diżastri naturali, kunflitti bejn l-Istati jew kriżijiet ekonomiċi), iżda wkoll dwar kriżijiet li jevolvu bil-mod, pressjonijiet rikorrenti, jew pressjonijiet li jakkumulaw fit-tul li jistgħu jaslul f'punt fejn il-bilanċ ixaqleb (degradazzjoni demografika u ambjentali, tibdil fil-klima, pressjonijiet ta' migrazzjoni u pressjonijiet kroniċi oħra).
10. **Il-punt tat-tluq fuq livell operattiv huwa analiżi usa' tal-forzi, il-vulnerabbiltajiet u l-pressjonijiet.** L-Istati u s-soċjetajiet huma mibnija madwar interdipendenzi kumplessi bejn l-atturi politiċi u ta' sigurtà, is-settur privat, is-soċjetà ċivili, il-komunitajiet u l-individwi. Approċċi ta' politika settorjali tradizzjonali ma jistgħux jidentifikaw il-vulnerabbiltajiet kollha, l-interkonnessjonijiet bejniethom, jew jantiċipaw kif is-sistema kumplessivament twieġeb meta tkun taħt pressjoni, inklużi l-konsegwenzi possibbli fuq Stati oħra. Dan ifisser li għal kull eżitu, ir-riskju – u l-kapaċità ta' adattament – jeħtieġ jiġi analizzat fuq livelli multipli, b'mod partikolari fil-punti fejn fattur wieħed ta' reżiljenza, jew sett wieħed ta' atturi jkun dipendenti fuq ir-reżiljenza ta' oħrajn, jew fejn ir-relazzjonijiet tal-poter bejn il-livelli differenti tas-soċjetà jkollhom rwol importanti. Tipikament dan ser ifisser approċċ kontra "l-perikli kollha", li jgħaqqdu flimkien l-analiżi fil-livell reġjonali, statali, organizzattiva, komunitarja u fil-livell individwali.